# MONS ISQOF MARIO GRECH
# GHALL-GRAZZJA T'ALLA U TAS-SEDE APOSTOLIKA
# ISQOF T'GHAWDEX

## DIGRIET

Dak kollu li jagħmel parti mill-ħajja tal-bniedem u tas-soċjetà jifforma l-kultura. Huwa għalhekk li l-Knisja temmen fid-djalogu bejn il- fidi u l-kultura, għax permezz ta' dan id-djalogu, l-Evanġelju jdawwal ir-realtà umana kollha. Fejn il-kultura tibqa' miftuma mill-Evanġelju, tkun kultura nieqsa; u fejn il-fidi ma ssirx kultura, tkun għadha fidi mhix milqugħa għal kollox, mhux maħsuba u mhux mgħixa b'fedeltà.

Huwa fatt magħruf li l-E.T. Mons Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi matul ħajtu, imma partikularment matul l-episkopat tiegħu offra kontribut kbir biex iseħħ dan id-djalogu bejn il-fidi u l-kultura. Il-formazzjoni li huwa kiseb fil-filosofija, fit-teoloġija u fis-soċjologija, l-interessi wiesgħin li dejjem wera f'suġġetti varji, bħalma huma l-letteratura, l-arti u l-politika, imma fuq kollox il-ħajja interjuri tal-ispirtu, għenuh biex bil-kelma, bil-kitba u b'inizjattivi pastorali huwa mhux biss irnexxielu jippromovi dan id-djalogu bejn il-fidi u l-kultura, imma ħajjar ħafna oħrajn biex jieħdu sehem f'dan id-djalogu.

Konxji li kull ma jmur dan id-djalogu qed isir dejjem aktar meħtieg biex il-bniedem ikun jista' jaffronta sfidi ġodda, kemm biex il-patrimonju teoloġiku, storiku u letterarju ta' Mons Cauchi jibqa' riżorsa ta' tagħlim, kif ukoll biex fuq l-ispirazzjoni ta' Mons Cauchi l-Knisja lokali tibqa' impenjata f'dan id-djalogu bejn il-fidi u l-kultura, qed inwaqqaf il-"**Fondazzjoni MONS ISQOF NIKOL CAUCHI**" biex iżżomm ħajja t-tifkira tal-Isqof Cauchi, kif ukoll biex permezz ta' inizjattivi soċjo-kulturali u reliġjużi

tippromovi dan id-djalogu bejn il-fidi u l-kultura. Napprova wkoll Statut li fuqu għandha titmexxa din il-Fondazzjoni.

Dan l-att qed issir b'turija ta' gratitudni, rispett u mħabba lejn l-Isqof Nikol Cauchi li llum qed jiċċelebra t-80 sena tiegħu.

Moghti u ppublikat illum, 1 ta Marzu 2009, fil-Katidral tad-djocesi

+ Mario Grech
Isqof t'Ghawdex

Mons Salv Debrincat
Kancellier